# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru 489/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Epsilon Malta Limited**
**(C 71804)**

**vs**

**St Martin's Education Services Limited**
**(C16854)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 24 ta' Ġunju 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi l-kumpannija esponenti topera fil-qasam tal-geoinformazzjoni b'ħafna snin ta' esperjenza kemm lokalment u anke fuq livell internazzjonali;*

    2. *Illi l-kumpannija intimata topera fis-settur tal-Edukazzjoni, senjatament l-iskola bl-isem St Martin's Institute for Higher Education;*

    3. *Illi fit-18 ta' Diċembru 2018, il-kontendenti daħlu fi ftehim ta' kollaborazzjoni, hekk imsejjaħ "Consortium Agreement", kopja ta' liema huwa anness u mmarkat Dok. EM3, sabiex konġuntivament jissottomettu proposta għal tender offert mill-Awtorita` tal-Ippjanar, u kemm-il darba tali proposta kellha tiġi magħżula, il-partijiet kellhom jibqgħu*

*jikkollaboraw flimkien sabiex konġuntivament jipprestaw is-servizzi proposti;*

4. *Illi sussegwentement, il-proposta tal-partijiet ġiet magħżula mill-Awtorita` u sar il-ftehim relattiv mal-istess Awtorita` sabiex jiġu provduti lilha servizzi ta' Korsijiet f'Energy Efficient Equipment in the Field of Geomatics bħala parti minn proġett tal-Awtorita` magħruf bħala "SpatialTrain", liema servizzi edukattivi huma intiżi esklussivament għal persuni impjegati ma entitajiet pubbliċi ("il-Proġett);*

5. *Illi permezz ta' ftehim ieħor datat l-4 ta' Diċembru 2019 hekk imsejjaħ "Budget Agreement", kopja ta' liema huwa anness u mmarkat Dok. EM6, il-partijiet ftehmu illi kwalunkwe ħlasijiet illi l-kumpannija intimata kienet ser tirċievi mingħand l-Awtorita` tal-Ippjanar bħala konsiderazzjoni għas-servizzi msemmijin, kienu ser jinqasmu bejn il-kontendenti f'porzjonijiet indaqs, u dan wara li l-kumpannija intimata kienet ser tnaqqas ċertu spejjeż miftehmin fil-ftehim preċitat;*

6. *Illi l-esponenti ġiet a konjizzjoni tal-fatt illi l-kumpannija intimata irċeviet pagament sostanzjali mingħand l-Awtorita` tal-Ippjanar akkont ta' dawn is-servizzi illi ġew u għadhom qed jiġu prestati mill-kontendenti;*

7. *Illi l-kumpannija esponenti ġibdet l-attenzjoni tal-kumpannija intimata illi dan il-ħlas kellu jinqasam in linea ma dak miftihem bejn il-partijiet fil-ftehim tal-4 ta' Diċembru 2019, u li skont informazzjoni illi provdiet il-kumpannija intimata stess, sehem il-kumpannija esponenti minn dan il-ħlas jammonta għal disgħa u erbgħin elf Euro, tmien mija ħamsa u tmenin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€49,885.68);*

8. *Illi madanakollu, il-kumpannija intimata pprovdiet sensiela ta' skużi u rrifjutat illi tgħaddi lill-kumpannija esponenti is-sehem spettanti lilha minn dan il-ħlas;*

9. *Illi fost ir-raġunijiet illi l-kumpannija intimata tat sabiex tittenta tiġġustifika l-inadempjenza tagħha, il-kumpannija intimata qed tgħid illi dawn il-flejjes dovuti lill-kumpannija esponenti qegħdin jiġu miżmuma mill-istess kumpannija intimata bħala garanzija għal danni potenzjali u ipotetiċi illi jistgħu jiġu inkorsi mill-kumpannija intimata jekk il-kumpannija esponenti tkun inadempjenti fl-eżerċizzju tal-obbligi futuri tagħha relatati mal-Proġett;*

10. *Illi fl-isfond ta' dan kollu, u għal kull buon fini, jingħad illi sad-data tal-presenti, il-kumpannija esponenti dejjem eżegwiet l-obbligi tagħha b'mod diliġenti u professjonali, u in ogni każ ma hemm l-ebda allegazzjoni ta' xi*

*nuqqasijiet da parti tal-esponenti la mill-kumpannija intimata u lanqas mill-Awtorita` tal-Ippjanar;*

11. *Illi għaldaqstant, dawn il-flus appartenenti lill-kumpannija esponenti qegħdin jiġu miżmumin mil-kumpannija intimata illegalment u abbużivament;*

12. *Illi fil-frattemp, il-kumpannija esponenti hija obbligata kontrattwalment illi tibqa' teżegwixxi l-obbligi minnha assunti favur l-Awtorita` tal-Ippjanar, liema operat jikkonsisti fi spiża sostanzjali u kontinwa għall-kumpannija esponenti, partikolarment is-salarji u spejjeż relattivi tal-lecturers tagħha illi ntbagħtu Malta mill-Greċja appositament;*

13. *Illi b'konsegwenza ta' l-inadempjenza da parti tal-kumpannija intimata illi qed tirrifjuta illi tgħaddi l-pagament surreferit lill-kumpannija esponenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, il-kumpannija esponenti qiegħda tiġi serjament ippreġudikata stante illi ma hijiex ser tkun f'posizzjoni illi tibqa' ssostni dan l-operat tagħha u l-ispejjeż imsemmijin;*

14. *Illi minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tgħaddi dan il-ħlas, inkluż permezz ta' fattura, ittra legali tas-7 ta' April 2020 u saħansitra protest ġudizzjarju tal-20 ta' April 2020 (kopja ta' liema huma annessi u mmarkati Dok. EM1, EM2 u EM3 rispettivament), il-kumpannija intimata baqgħet inadempjenti;*

15. *Illi fiċ-ċirkostanżi r-rikorrenti ma kellhiex għażla oħra ħlief li tintavola din il-kawża.*

*Għaldaqstant, tgħid is-soċjeta` intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta` intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' disgħa u erbgħin elf Euro, tmien mija ħamsa u tmenin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€49,885.68) rappreżentanti pagamenti illi hija kontrattwalment marbuta tħallas lill-esponenti.*

2. *Tikkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' disgħa u erbgħin elf Euro, tmien mija ħamsa u tmenin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€49,885.68) fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta` intimata, li minn issa hija nġunta in subizzjoni.*

*B'riżerva għal kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lill-esponenti skont il-liġi fil-konfront tal-kumpannija intimata, inkluż għal kwalunkwe danni sofferti*

*mill-esponenti b'konsegwenza tal-aġir abbużiv u illegali tal-kumpannija intimata.*

2. Rat illi fl-4 ta' Awissu 2020, s-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi (fol 26):

    1. *Illi preliminarjament, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li l-azzjoni odjerna hi prematura u li saret intempestivament stante li kwalunkwe ħlas pretiż fir-rikors promotur għadu mhuwiex dovut u dana kif se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

    2. *Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda in toto peress li huma infondati fil-fatti u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

    3. *Illi l-azzjoni odjerna hi bla bażi u illegali, u qiegħda sservi biss sabiex ixxekkel l-abbilità u l-possibilità li l-partijiet jaderixxu ruħhom mal-obbligazzjonijiet skont 'il fuq imsemmi ftehim ta' kollaborazzjoni;*

    4. *Illi semmai, is-soċjetà attriċi m'għandha l-ebda bażi u ma tistax tistenna ħlas mill-fond tal-konsorzju, qabel jitlesta l-proġett, fuq pretensjonijiet ibbażati fuq il-ftehim ta' kollaborazzjoni surreferut meta din l-istess soċjetà attriċi naqqset milli tikkontribwixxi finanzjarjament u twettaq obbligi kuntrattwali oħra li joħorġu mill-istess ftehim;*

    5. *Illi in ogni każ, is-soċjetà konvenuta dejjem aġġixxiet in buona fede u fl-aqwa interess tal-konsorzju ffurmat bejn il-partijiet, u li kien għalhekk li l-pagament riċevut mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar għall-proġett tal-konsorzju nżamm għal kull buon fini bħala prekawzjoni sakemm jitlesta' l-proġett, u għal din ir-raġuni soċjetà konvenuta m'għandhiex issofri preġudizzju talli kienet attenta u diliġenti;*

    6. *Illi di piu', minkejja li s-soċjetà attriċi diġà ġiet interpellata permezz ta' kontro protest sabiex tirregola ruħha mal-obbligazzjonijiet kuntrattwali li daħlet għalihom, din baqgħet inadempjenti, liema kopja tal-kontro-protest qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;*

    7. *Illi s-soċjetà konvenuta esponenti tiċħad bl-aktar mod assolut l-allegazzjoni li qed tiġi addebitata lilha li hi debitriċi tas-soċjetà attriċi, u dan kif se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

    8. *Illi għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta esponenti qiegħda tissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi;*

    9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

3. Rat illi fil-5 ta’ Ottubru 2020, il-Qorti ġiet infurmata mis-soċjeta' intimata li, peress li s-soċjeta' rikorrenti kienet qed tipprovdi s-servizz lill-terzi a tenur ta’ ftehim milħuq bejn il-partijiet odjerni u li huwa l-bażi tal-azzjoni odjerna, hija għandha fil-pussess tagħha pagament ta’ €25,200 illi qed jingħadda lis-soċjeta' rikorrenti abbażi tal-ftehim oriġinali milħuq bejn il-partijiet. (fol 403)

4. Rat illi fit-28 ta’ Jannar 2021, il-Qorti ġiet infurmata illi l-pagament ta’ €25,200 mgħoddi lis-soċjeta' rikorrenti fil-5 ta’ Ottubru 2020 ġie debitament imsarraf u aċċettat mis-soċjeta' rikorrenti.

5. Rat ukoll illi, fl-istess seduta tat-28 ta’ Jannar 2021, il-Qorti ġiet infurmata mis-soċjeta' intimata li, peress li s-soċjeta' rikorrenti baqgħet tipprovdi s-servizz lill-terzi a tenur ta’ ftehim milħuq bejn il-partijiet odjerni u li huwa l-bażi tal-azzjoni odjerna, hija għandha fil-pussess tagħha pagament ta’ €9,600 illi qed jingħadda lis-soċjeta' rikorrenti abbażi tal-ftehim oriġinali milħuq bejn il-partijiet. (fol 405)

6. Rat illi, permezz ta’ nota ppreżentata fit-13 ta’ Mejju 2021, is-soċjeta' rikorrenti għarrfet lill-Qorti illi ż-żewġ pagamenti ta’ €25,200 u €9,600 ġew aċċettati minnha mingħajr preġudizzju għall-ispejjeż u imgħaxijiet dovuti. (fol 411)

7. Rat illi fis-26 ta’ Mejju 2021, il-Qorti ġiet infurmata mis-soċjeta' intimata li, peress li s-soċjeta' rikorrenti baqgħet qed tipprovdi s-servizz lill-terzi a tenur ta’ ftehim milħuq bejn il-partijiet odjerni u li huwa l-bażi tal-azzjoni odjerna, hija għandha fil-pussess tagħha pagament ta’ €18,661.23 illi qed jingħaddu lis-soċjeta' rikorrenti abbażi tal-ftehim oriġinali milħuq bejn il-partijiet. (fol 417)

8. Rat l-affidavit tal-**Professur Markos sive Marc Bonazountas**, ippreżentat mis-soċjeta' rikorrenti fis-26 ta’ Mejju 2021. (fol 419)

9. Semgħet ix-xhieda ta’ **Dr Elaine Sciberras**, Project Leader ta’ Special Training Project fi ħdan l-Awtorita’ tal-Ippjanar mogħtija fis-26 ta’ Mejju 2021 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata. (fol 426 – 458)

10. Semgħet ix-xhieda ta’ **Carmel Theuma**, rappreżentant tas-soċjeta’ intimata u prodott mis-soċjeta' rikorrenti, mogħtija fis-26 ta’ Mejju 2021. (fol 459)

11. Rat illi, permezz ta’ nota ppreżentata fl-20 ta’ Awissu 2021, is-soċjeta' rikorrenti ikkonfermat li hija rċeviet is-somma ta’ €18,661.23, kif imsemmi fis-seduta tas-26 ta’ Mejju 2021 (para 7), u li minnhom €15,085.68 kienu dovut lilha mis-soċjeta' intimata a tenur tal-ftehim meritu tal-kawża odjerna, filwaqt illi l-bilanċ kien dovut għal servizzi oħra mhux relatati mal-każ odjern. (fol 465)

12. Rat illi fid-19 ta’ Ottubru 2021, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippreżenta.

13. Rat l-affidavit ta’ **Carmel sive Charles Theuma**, Direttur u Azzjonist tas-soċjeta' intimata, ippreżentat minnu stess fl-20 ta’ Mejju 2022 (fol 481) flimkien ma’ dokumentazzjoni.

14. Rat l-affidavit ta’ **Leanne Grixti**, Registrar mas-soċjeta' intimata, ippreżentat mis-soċjeta' intimata fl-20 ta’ Mejju 2022. (fol 547)

15. Rat illi, fit-12 ta' Lulju 2022, is-soċjeta' rikorrenti kkonfermat illi s-sorte kollu mitlub fir-rikors promotur kien tħallas u li kull ma kien fadal kien il-kap tal-ispejjeż u imgħax. (fol 588)

16. Semgħet ix-xhieda ta' **Brian Decelis**, gia General Manager tas-soċjeta' intimata, mogħtija fit-12 ta' Lulju 2022. (fol 589)

17. Semgħet ix-xhieda ta' **Charles Theuma**, mogħtija fit-12 ta' Lulju 2022. (fol 605)

18. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami tal-**Professur Mark Bonazountas** illi saret permezz ta' *Video Conferencing* bil-lingwa Ingliża fil-15 ta' Novembru 2022. (fol 612)

19. Rat illi fil-15 ta' Novembru 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub tas-soċjeta' rikorrenti dwar il-kap tal-ispejjeż u l-imgħax.

20. Rat illi fis-27 ta' Diċembru 2022, is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti bil-miktub ġew ippreżentati. (fol 623)

21. Rat illi fis-7 ta' Frar 2023, is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata bil-miktub ġew ippreżentati. (fol 630)

22. Rat illi fid-9 ta' Frar 2023, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

23. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti hija soċjeta' illi tiġġestixxi skola tal-edukazzjoni ġewwa Malta bl-isem ta' St. Martin's Institute of Higher Education, filwaqt illi s-soċjeta' intimata hija soċjeta', bi 'Branch Office' ġewwa Ateni, Greċja, illi tipprovdi servizzi, fost affarijiet oħra, ta' training f'varji oqsma, fosthom 'Geomatics & Mapping'.

24. Jirriżulta illi, fit-18 ta' Diċembru 2018, iż-żewġ kumpanniji fil-kawża odjerna daħlu f'Consortium Agreement bil-għan illi, flimkien, jippreżentaw offerta għal Tender illi kienet ħarġet fit-23 ta' Mejju 2018 il-Planning Authority li kien *Negotiated Procedure for an Accredited Institute to offer Courses using Energy Efficient Equipment in the field of Geomatics.* (fol 15 – 22)

25. Jirriżulta, mix-xhieda tal-persuna responsabbli għall-proġett da parte tal-Planning Authority, Dr Elaine Sciberras, illi l-kuntratt beda mill-20 ta' Diċembru 2018 u spiċċa f'Ġunju tas-sena 2021. (fol 426)

26. Jirriżulta l-Awtorita' tal-Ippjanar ħallset lis-soċjeta' intimata, illi kienet indikata bħala "Leader" miż-żewġ partijiet fil-kawża lill-Planning Authority (fol 522) u għalhekk kienet is-soċjeta' li kienet qed tirċievi l-ħlasijiet, u dana kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| a. 24 ta' Diċembru 2018 | - | €90,000 |
| b. 21 ta' Marzu 2019 | - | €45,000 |
| c. 30 ta' Lulju 2019 | - | €60,000 |
| d. 14 ta' Frar 2020 | - | €45,000 |
| e. Ġunju 2021 | - | €60,000 |

27. Jirriżulta illi l-valur tal-kuntratt mirbuħ mill-consortium kien ta' €300,000 u dana kollu tħallas.

28. Jirriżulta illi fl-4 ta' Diċembru 2019, il-partijiet daħlu fi ftehim dwar kif kellhom jinqasmu l-ispejjeż tal-'Consortium' fejn kien hemm imniżżel dan li ġej: (fol 22)

    *From the €300,00 project budget:*

    - *First SMI deducts the common direct costs*

        1. *Lawyers*
        2. *Bank Guarantees*
        3. *Air Tickets*
        4. *Accreditation costs*
        5. *Apartment*
        6. *Bank costs and bank guarantee costs*
        7. *Other minor direct costs to be mutually accepted*

    - *This distributes the balance less the forecasted payments due for direct costs listed in 1 to 8 above, every time a payment is made by the Planning Authority*

        - *50% SMI*
        - *50% EPSILON*

29. Jirriżulta, minn dokumentazzjoni ppreżentata mis-soċjeta' intimata fl-20 ta' Settembru 2020, illi sa dakinhar hija kienet ħallset is-segwenti pagamenti: (fol 43)

    a. 27/03/2019 - € 20,000
    b. 09/09/2019 - € 4,480
    c. 09/09/2019 - € 10,000
    d. 04/11/2019 - € 5,635

30. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni ppreżentati fl-24 ta' Ġunju 2020, is-soċjeta' rikorrenti talbet lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' €49,885.68.

31. Jirriżulta illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta' intimata għaddiet is-segwenti pagamenti waqt seduti tal-Qorti:

    a. €25,200 fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020
    b. €9,600 fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021
    c. €15,085.68 fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021 (parti minn somma aktar hekk mgħoddija ta' €18,661.23)

32. Jirriżulta, għalhekk, illi fil-mori tal-kawża, is-sorte tħallas kollu.

## Kontestazzjoni

33. Jirriżulta illi l-kontestazzjoni prinċipali tas-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tas-soċjeta' intimata hija li s-soċjeta' intimata ma kinetx qed tirrilaxxja l-flus skond il-ftehim milħuq

bejniethom u fuq spjegat fil-paragrafu 28, u dana skond l-affidavit tal-Professur Marc Bonazountas (fol 421), rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti.

34. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta' intimata kienet qed tikkontendi illi l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti kienu intempestivi, peress illi l-kuntratt għas-servizzi mal-Awtorita' tal-Ippjanar kien għadu għaddej w il-pagamenti illi hija kienet qed tippretendi li titħallas kienu pagamenti illi għad iridu jidħlu u kellhom jitnaqqsu minnhom l-ispejjeż tal-'consortium' kif ġia miftiehem.

**Konsiderazzjonijiet**

35. Jirriżulta illi l-każ odjern inġieb quddiem dina l-Qorti fl-24 ta' Ġunju 2020, meta l-ftehim illi l-'consortium' iffurmat miż-żewġ partijiet mal-Awtorita' tal-Ippjanar u li daħal fis-seħħ fl-aħħar ta' Diċembru 2018 kien għadu għaddej u, fi kliem ir-rapprżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar stess, kien ser jispiċċa f'Ġunju tas-sena 2021!

36. Jirriżulta ċar illi s-soċjeta' rikorrenti kienet qed tippretendi introjtu differenti minn dak oriġinalment minnha intiż u, dana kif jidher minn skambju ta' emails bejn Marc Bonazountas u Charles Theuma illi saret fil-11 ta' Ottubru 2019 (fol 572), u kien dan illi wassal lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tipprotesta, varji drabi, kif ukoll illi thedded li mhux ser tkompli fil-proġett miftiehem mal-Planning Authority – "we cannot continue training without a change in policy". (fol 572)

37. Jirriżulta ċar ukoll illi l-ftehim qasir iffirmat mill-partijiet fl-4 ta' Diċembru 2018, riprodott fil-para 28 aktar 'il fuq, kien jipprovdi li l-flejjes jinqasmu hekk kif isiru l-pagamenti u wara li jitnaqqsu kemm l-ispejjeż imħallsa kif ukoll dawk previsti.

38. Jirriżulta, mill-provi, illi s-soċjeta' rikorrenti ma għandha ebda assi sabiex tagħmel tajjeb għaliha hawn Malta, tant illi s-soċjeta' intimata kellha toħroġ il-Garanzija Bankarja hija stess – kien għalhekk illi s-soċjeta' intimata kienet insistiet illi żżomm flejjes għall-spejjeż futuri bil-quddiem, u dana joħroġ ċar mill-ftehim.

39. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi dina l-kawża **QATT MA KELLHA SSIR** u saret biss bħala tentattiv sabiex ġġiegħel lis-soċjeta' intimata tħallas għal dak illi ma kienx previst illi hija tħallas skond il-ftehim milħuq bejn il-partijiet.

40. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-pagamenti kollha dovuti lis-soċjeta' rikorrenti tħallsu waqt il-mori tal-kawża u hekk kif spiċċa l-kuntratt miftiehem mal-Planning Authority, tant illi s-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar pretensjonijiet dwar is-sorte iżda kienet qed tinsisti dwar l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax.

41. Din il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix illi s-soċjeta' intimata kienet korretta fl-ewwel eċċezzjoni tagħha fejn qalet illi "*l-azzjoni odjerna hija prematura u li saret intempestivament stante li kwalumkwu ħlas pretiż fir-rikors promotur għadu mhuwiex dovut*".

42. Is-soċjeta' rikorrenti għażlet, di sua sponte, illi tniedi l-proċeduri odjerni għall-ħlas "futur", kif indikat ukoll mill-istess Marc Bonazountas fl-affidavit tiegħu, meta l-ftehim kien ċarament jgħid il-kuntrarju.

43. Għalhekk, la darba s-soċjeta' rikorrenti għażlet illi tagħmel azzjoni illi QATT MA MESSET għamlet, din il-Qorti ma tara ebda raġuni 'l għaliex is-soċjeta' intimata għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha. Anzi, din il-Qorti tirrileva illi s-soċjeta' intimata daħlet fi spejjeż inutili, li setgħu jiġu faċilment evitati, u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti għandha tagħmel tajjeb għalihom.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat li, fit-12 ta' Lulju 2022, ġie dikjarat illi s-soċjeta' rikorrenti kienet irċeviet il-ħlas tas-sorte kollu, u għalhekk ma kinetx qed tinsisti fuq l-ewwel żewġ talbiet tagħha filwaqt illi kienet qed tinsisti għall-ispejjeż u l-imgħax;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri taż-żewġ partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata, u għalhekk:

Filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel u tieni talba;

**Tordna** illi l-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna, inklużi dawk tas-soċjeta' intimata, għandhom ikunu a kariku esklussiva tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**